| Rif. Tal-Iskema | |
|---|---|

# Applikazzjoni għall-Kumpens
# Fir-rigward ta' flus jew investimenti dovuti minn
# Maltese Cross Financial Services Limited

Permezz ta' din il-formola, inti qed tressaq it-talba tiegħek għall-kumpens lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investuri fir-rigward ta' flus jew investimenti dovuti lilek minn Maltese Cross Financial Services Limited.

Jekk jogħġbok ikteb ċar u uża ittri KAPITALI. Uża biss linka sewda. Kull paġna ta' din il-formola għandha tiġi iffirmata minn kull min qed jagħmel il-klejm. Għal xi mistoqsijiet, inti tista' tiġi mitlub timmarka l-kaxxa x-xierqa. Jekk ma jibqagħlekx spazju meta twieġeb xi waħda mill-mistoqsijiet ta' hawn taħt, jekk jogħġbok kompli fuq karta separata u wara ehmiżha tajjeb ma' din il-formola.

**Għandhom jimtlew is-sezzjonijiet KOLLHA tal-formola (apparti Sezzjoni 2 sakemm din hi applikabbli). F'każ ta' formola mhix kompluta jew b'informazzjoni nieqsa, din terġa tiġi rritornata lilek.**

Matul din il-formola, nistgħu nirreferu għalik bħala *'l-investitur'* jew *'min qed iressaq il-klejm'*.

L-investitur għandu jfittex għajnuna legali sabiex jiddetermina jekk għandux jiġi aċċettat il-kumpens mill-Iskema kif ukoll sabiex jikkunsidra jekk għandux rimedji oħra bil-liġi. L-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri hija stabbilita bil-liġi (Avviż Legali 368 tal-2003) u hija ibbażata fuq id-Direttiva Ewropeja 97/9 dwar skemi ta' kumpens lill-investitur.

Aktar informazzjoni, inkluż sett ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet, tista' tinkiseb kif ġej:

| | |
|---|---|
| Sit elettroniku: | *www.compensationschemes.org.mt* |
| Bl-e-mail: | *info@compensationschemes.org.mt* |
| Freephone: | 80074924 (ġranet tax-xogħol, mit-8am sal-5pm) |

***La l-Iskema u lanqas l-Awtoritá Maltija għas-Servizzi Finanzjarji ma tista' tassistik sabiex timla din il-formola.***

# SEZZJONI 1 – DETTALJI TAL-INVESTITUR

*Inti mitlub timla l-ewwel kolonna jekk inti fdajt flusek jew l-investimenti tiegħek ma' Maltese Cross Financial Services Limited. F'każ li kienu żewġ persuni li flimkien fdaw flushom, jew l-investimenti tagħhom, ma' Maltese Cross Financial Services Limited, għandhom jintużaw kemm l-ewwel kif ukoll it-tieni kolonna. Jekk hemm aktar minn żewġ investituri, jekk jogħġbok agħtina l-kumplament tad-dettalji fuq karta separata u ehmiżha ma' din il-formola.*

| | Investitur 1 | | Investitur 2 | |
|---|---|---|---|---|
| **Stat tal-Investitur[1]** | | | | |
| **Numru tal-Identitá / Passaport[2]** | | | | |
| **Titlu** | | | | |
| **Isem** | | | | |
| **Kunjom** | | | | |
| **Indirizz** | *Isem tad-Dar / Numru tal-Bieb* | | *Isem tad-Dar / Numru tal-Bieb* | |
| | *Indirizz 1* | | *Indirizz 1* | |
| | *Indirizz 2* | | *Indirizz 2* | |
| | *Belt / Raħal* | | *Belt / Raħal* | |
| | *Pajjiż* | | *Pajjiż* | |
| | *Kodiċi Postali* | | *Kodiċi Postali* | |

| | | |
|---|---|---|
| **Numru tat-telefown matul il-ġurnata** | | |
| **Numru tat-telefown tad-dar** | | |
| **Numru tat-telefown ċellulari** | | |
| **Email** | | |

| | |
|---|---|
| **Ir-relazzjoni bejn l-investituri** | |

[1] Indika jekk intix is-sid, *trustee, eċċ.*

[2] Agħtina kopji ċċertifikati tal-Karta tal-Identitá jew Passaport. Dawn il-kopji għandhom jiġu iffirmati minn persuna li inti taf. Din il-persuna għanda tkun uffiċċjal pubbliku ta' grad mhux inqas minn dik ta' Prinċipal jew grad ekwivalenti, persuna professjonali, Ministru fir-Reliġjon, jew kwalunkwe persuna oħra f'pożizzjoni simili.

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 2 – INVESTITURI MEJTIN

*Jekk jogħġbok imla din il-parti jekk xi ħadd mill-investituri msemmija f'Taqsima 1 miet.*

Jekk jogħġbok agħtina d-data tal-mewt (jj/xx/ssss) ta' xi ħadd mill-investituri imsemmija f'Taqsima 1 li mietu:

| **Investitur 1** | | | **Investitur 2** | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

Jekk jogħġbok ibagħtilna d-dokumenti li ġejjin *(immarka kif jixraq)*:

***Id-dokumenti kollha mehmuża jridu jkunu oriġinali.***

- ☐ Ċertifikat tal-mewt
- ☐ Kopja awtentika tal-aħħar testament tal-investitur il-mejjet
- ☐ Kopja oriġinali tat-Tfittxijiet Testamentarji
- ☐ Konferma Notarili li tiddikjara s-suċċessuri fuq it-titolu tal-investiment tal-mejjet.

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 3 – IR-RELAZZJONI TIEGĦEK MA' MALTESE CROSS FINANCIAL SERVICES LIMITED

*F'din il-parti, inti mitlub tgħaddilna aktar dettalji dwar ir-relazzjoni tiegħek ma' Maltese Cross Financial Services Limited. Għandna bżonn din l-evidenza sabiex inkunu nistgħu nivvalutaw il-klejm tiegħek. Għalhekk, kun żgur li tehmeż kopja ta' kull korrispondenza u/jew materjal/informazzjoni mogħtija minn uffiċċjali tal-kumpanija flimkien ma' dokumentazzjoni oħra li turi x'ġara waqt in-negozjati tiegħek mal-istess uffiċċjali b'konnessjoni mal-klejm tiegħek. Jekk jogħġbok agħtina kopji oriġinali.*

1. X'inhu n-numru ta' referenza mogħti lilek minn Maltese Cross Financial Services Limited? Inti tista' ssib din l-informazzjoni minn fuq in-nota kuntrattwali jew fuq ir-rendikont tal-valur tal-investiment (Valuation Statement) li inti irċevejt mingħand Maltese Cross Financial Services Limited.

2. L-isem/ismijiet tal-uffiċċjal/i ta' Maltese Cross Financial Services Limited li minnu/minnhom ġejt assistit:

3. Kif bdiet ir-relazzjoni tiegħek ma' Maltese Cross Financial Services Limited?

4. Kif ġejt klassifikat minn Maltese Cross Financial Services Limited?

   Investitur bl-Imnut ☐

   Investitur Professjonali ☐

   Ma nafx ☐

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

5. X'modi ta' pagament (bħal transferimenti bankarji, ċekk, flus kontanti, eċċ), kont tuża meta kont tħallas lil Maltese Cross Financial Services Limited?

| |
|---|
| |

6. Hemm xi relazzjoni bejnek u bejn xi ħadd mid-diretturi, azzjonisti (shareholders), jew xi uffiċċjal ieħor fi ħdan Maltese Cross Financial Services Limited?

Iva ☐

Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina dettalji dwar din ir-relazzjoni:

| |
|---|
| |

7. Għandek xi relazzjoni ma' xi ħadd mill-awdituri ta' Maltese Cross Financial Servcies Limited jew xi kumpanija assoċċjata magħha?

Iva ☐

Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok agħtina dettalji dwar din ir-relazzjoni:

| |
|---|
| |

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

# SEZZJONI 4 – DETTALJI U EVIDENZA TAL-INVESTIMENTI

*Fit-tabella t'hawn taħt, inti mitlub tgħaddilna kopja tad-dettalji flimkien ma' evidenza fuq l-investimenti li inti xtrajt mingħand Maltese Cross Financial Services Limited li għalihom inti qed titlob il-kumpens. Għandek tinkludi d-dettalji ta' dawk l-investimenti li nxtraw mingħand din il-kumpanija, u li, sal-11 t'Awwissu 2014, kienu għadhom ma nbiegħux.*

***Jekk jogħġbok agħtina kopji oriġinali ta' xi evidenza dokumentata tal-investiment(i) li għalihom qed titlob kumpens (eż. Nota Kuntrattawli/Ċertifikat tal-Bond, Rendikonti tal-Valur tal-Investiment (Valuation Statements), u Rendikonti Bankarji li juru s-somma investita). Jekk id-dokumenti li nirċievu ma jkunux oriġinali (kemm jekk iċċertifikati u anke jekk le), ma nkunux nistgħu nipproċessaw il-klejm tiegħek.***

| Numru. | Isem tal-Investiment | Numru ta' Referenza[3] | Data ta' meta nxtara l-investiment | Sors ta' Flus[4] | Nominee[5] (Iva jew Le) | Ammont indikat fuq in-Nota Kuntrattwali | Valur tal-investiment skond l-aħħar rendikont li rċevejt mingħand Maltese Cross Financial Services Limited | Xi dħul dovut lilek, li għadek ma rċevejtx relatat mal-investimenti tiegħek. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | | | | |

[3] Għandek issib din l-informazzjoni fuq in-Nota Kuntrattwali jew fuq Rendikonti tal-Valur tal-Investiment (Valuation Statements). Tista' tkun f'din il-forma: "GB000263345946".

[4] Indika jekk il-pagament sarx bi flus kontanti, permezz ta' ċekk, jew inkella bi trasferiment bankarju.

[5] Jekk l-investiment inxtara *direttament f'ismek*, it-tweġiba tiegħek għandha tkun LE. Jekk l-investiment inxtara taħt *nominee* (jiġifieri, Maltese Cross Financial Services Limited xtrat l-investiment f'isem il-kumpanija għan-nom tiegħek), it-tweġiba tiegħek għandha tkun IVA.

| *Investitur 1* | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

| Numru. | Isem tal-Investiment | Numru ta' Referenza[3] | Data ta' meta nxtara l-investiment | Sors ta' Flus[4] | Nominee[5] (Iva jew Le) | Ammont indikat fuq in-Nota Kuntrattwali | Valur tal-investiment skond l-aħħar rendikont li rċevejt mingħand Maltese Cross Financial Services Limited | Xi dħul dovut lilek, li għadek ma rċevejtx relatat mal-investimenti tiegħek. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | | | | | | | | |
| 3 | | | | | | | | |
| 4 | | | | | | | | |
| 5 | | | | | | | | |
| 6 | | | | | | | | |
| 7 | | | | | | | | |
| 8 | | | | | | | | |
| 9 | | | | | | | | |

| *Investitur 1* | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

| **Numru.** | **Isem tal-Investiment** | **Numru ta' Referenza[3]** | **Data ta' meta nxtara l-investiment** | **Sors ta' Flus[4]** | **Nominee[5] (Iva jew Le)** | **Ammont indikat fuq in-Nota Kuntrattwali** | **Valur tal-investiment skond l-aħħar rendikont li rċevejt mingħand Maltese Cross Financial Services Limited** | **Xi dħul dovut lilek, li għadek ma rċevejtx relatat mal-investimenti tiegħek.** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | | | | | | | | |
| 11 | | | | | | | | |

| *Investitur 1* | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 5 – DETTALJI TA’ XI PAGAMENTI LI SARU LIL MALTESE CROSS FINANCIAL SERVICES LIMITED GĦAL SKOPIJIET TA’ INVESTIMENT

*Fit-tabella t’hawn taħt, inti mitlub tagħtina d-dettalji fuq xi pagamenti (ċekkijiet, trasferimenti bankarji, jew flus kontanti) li inti bgħatt jew għaddejt lil Maltese Cross Financial Services Limited sabiex tixtri l-investiment, liema pagamenti inti taħseb li ma ġewx użati għall-investiment u li għalihom ma nħarġet l-ebda nota kuntrattwali.*

***Jekk jogħġbok agħtina kopji oriġinali ta’ xi evidenza dokumentata ta’ dawn il-pagamenti, kif ukoll irċevuti oriġinali maħruġa minn Maltese Cross Financial Services Limited.***

***Jekk id-dokumenti li nirċievu ma jkunux oriġinali (kemm jekk iċċertifikati u anke jekk le), ma nkunux nistgħu nipproċessaw il-klejm tiegħek***

| Numru. | Data tal-Pagament | Tip ta’ pagament[6] | Numru ta’ referenza (ma tapplikax għal flus kontanti) | Ammont (indika l-munita) | Lil min kien indirizzat il-pagament |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | |
| 2 | | | | | |
| 3 | | | | | |

[6] Indika jekk il-pagament sarx permezz ta’ ċekk, trasferiment bankarju, jew xi modi oħra.

| *Investitur 1* | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

| Numru. | Data tal-Pagament | Tip ta' pagament[6] | Numru ta' referenza (ma tapplikax għal flus kontanti) | Ammont (indika l-munita) | Lil min kien indirizzat il-pagament |
|---|---|---|---|---|---|
| 4 | | | | | |
| 5 | | | | | |

| *Investitur 1* | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 6 – DETTALJI TA' XI ĊEKKIJIET LI NĦARĠU MINN MALTESE CROSS FINANCIAL SERVICES LIMITED LI MA ĠEWX IMSARRFA

*Fit-tabella t'hawn taħt, inti mitlub tgħaddilna d-dettalji taċ-ċekkijiet li nħarġu minn Maltese Cross Financial Services Limited għal kwalunkwe interessi, dividend, jew bejgħ ta' investimenti, li għadhom ma ġewx preżentati lill-Bank biex jissarfu, jew dawk li meta ġew preżentati lill-Bank, ma ngħatawx valur.*

***Jekk jogħġbok agħtina kopji oriġinali ta' evidenza dokumentata ta' dawn iċ-ċekkijiet jew deposit vouchers, skond il-każ. Jekk id-dokumenti li nirċievu ma jkunux oriġinali (kemm jekk iċċertifikati u anke jekk le), ma nkunux nistgħu nipproċessaw il-klejm tiegħek.***

| Numru. | Data ta' meta nħareġ iċ-ċekk | Numru taċ-ċekk | Ammont (indika l-munita) | Lil min hu pagabbli ċ-ċekk | X'inhi n-natura tal-pagament |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | | | | | |
| 2 | | | | | |
| 3 | | | | | |
| 4 | | | | | |
| 5 | | | | | |

| *Investitur 1* | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

# SEZZJONI 7 – STATUS TA' MIN QED JAGĦMEL IL-KLEJM

**Jien/aħna hawnhekk niddikjaraw li jien/aħna ma naqgħux f'dawn il-kategoriji ta' investituri:**

1. Persuni li jkunu qegħdin jagħtu servizz ta' investiment fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, jew leġislazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
2. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu qegħdin jagħmlu kummerċ bankarju fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew leġislazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
3. Istituzzjonijiet finanzjarji fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, jew leġislazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
4. Impriżi tal-assigurazzjoni li jkunu qegħdin jagħmlu kummerċ ta' assigurazzjoni fl-ambitu tat-tifsira tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni u l-Att dwar il-Brokers fl-Assigurazzjoni u Intermedjarji Oħra, jew taħt leġislazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
5. Skemi ta' investiment kollettiv;
6. Fondi għall-pensjoni u ta' min jirtira;
7. Kumpaniji li huma ta' tali daqs u li mhumiex permessi li jfasslu karti tal-bilanċ imqassra skond l-Att dwar il-Kumpaniji, jew taħt leġislazzjoni ekwivalenti jew simili barranija;
8. Gvernijiet u awtoritajiet amministrattivi, istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali;
9. Kunsilli jew awtoritajiet lokali u muniċipali.

**Barra minn hekk, jien/aħna niddikkjara/w li:**

10. Jiena/aħna m'għandniex sigurtajiet fuq dejn (debt securities) maħruġin minn Maltese Cross Financial Services Limited, u responsabbiltajiet li jirriżultaw minn aċċettazzjonijiet ta' ħlas u promissory notes.
11. Jiena/aħna m'aħniex persuni li għandhom kontijiet ma' Maltese Cross Financial Services Limited li ma jikxfux l-identitá tiegħi/tagħna;
12. Jiena/aħna m'aħniex kumpanija u soċjeta kummerċjali fl-istess grupp ta' Maltese Cross Financial Services Limited;
13. Jiena/aħna m'aħniex diretturi, managers, jew membri b'responsabilità personali ta' Maltese Cross Financial Services Limited;
14. Jiena/aħna m'aħniex persuni li għandhom ħamsa fil-mija jew aktar tal-kapital f'Maltese Cross Financial Services Limited;

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

15. Jiena/aħna m'aħniex awdituri ta' Maltese Cross Financial Services Limited u persuni tal-istess deskrizzjoni fir-rigward ta' kumpanija li tifforma parti mill-istess grupp ta' kumpanija bħal Maltese Cross Financial Services Limited;

16. Jiena/aħna m'aħniex qraba viċini, jigifieri, axxendenti, dixxendenti, jew il-mara jew ir-raġel tad-diretturi, managers, jew membri b'responsabilità personali ta' Maltese Cross Financial Services Limited;

17. Jiena/aħna m'aħniex qraba viċini, jigifieri, axxendenti, dixxendenti, jew il-mara jew ir-raġel tal-persuni li għandhom ħamsa fil-mija jew aktar f'kapital ta' Maltese Cross Financial Services Limited;

18. Jiena/aħna m'aħniex qraba viċini, jigifieri, axxendenti, dixxendenti jew il-mara jew ir-raġel tal-awdituri ta' Maltese Cross Financial Services Limited u ta' persuni tal-istess deskrizzjoni fir-rigward ta' kumpanija li tifforma parti mill-istess grupp bħal Maltese Cross Financial Services Limited;

19. Jiena/aħna m'aħniex nominees, trustees, jew partijiet terzi oħra li jaġixxu f'isem jew fl-interess tal-persuni msemmija hawn fuq sakemm dawk il-fondi jinżammu f'dik il-kapaċitá;

20. Jiena/aħna ma ġejniex klassifikati bħala investitur/i professjonali[7] u/jew istituzzjonali minn Maltese Cross Financial Services Limited skond l-Att dwar is-Servizzi tal-Investiment.

[7] Għal tifsira ta' investitur professjonali, jekk jogħġbok irreferi għall-glossarju ta' termini maħruġ mill-MFSA (agħfas hawn).

| Investitur 1 | Investitur 2 |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 8 – INFORMAZZJONI OĦRA

1. Hemm xi proċeduri quddiem xi qorti/tribunal/arbitraġġ b'referenza għall-klejm tiegħek – jew għandek pjanijiet li tiftaħ xi proċeduri quddiem xi qorti/tribunal/arbitraġġ?

Iva ☐

Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħtina aktar dettalji:

| |
|---|
| |

2. Irċevejt jew qed tistenna li tirċievi xi pagamenti minn sorsi oħrajn li jikkonċernaw l-istess telf li għalih qed tressaq il-klejm tiegħek f'din il-formola, kemm jekk minn Maltese Cross Financial Services Limited jew xi persuna oħra?

Iva ☐

Le ☐

Jekk iva, jekk jogħġbok, agħtina aktar dettalji:

| |
|---|
| |

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 9 – KUNSENS BIEX TIĠI IMMANIĠĠJATA, UŻATA, U ŻVELATA L-INFORMAZZJONI PERSONALI TIEGĦEK

Permezz ta' din l-applikazzjoni lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri b'rabta ma' Maltese Cross Financial Services Limited:

- Jien/aħna nagħtu l-kunsens lill-Iskema, u lil kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isimha jew għaliha jew skond l-istruzzjonijiet biex iwettqu dawn il-proċeduri:
    - Li tiġbor u tipproċessa l-informazzjoni personali dwari/dwarna ( li tista' tinkludi l-isem, id-dettalji fejn nista'/nistgħu niġi/u kkuntattjat/i, id-dettalji bankarji u tagħrif li għandu x'jaqsam mal-klejm tiegħi/tagħna); u
    - Li tgħaddi, tiżvela, jew inkella tagħmel disponibbli informazzjoni u dokumenti dwar il-klejm tiegħi/tagħna (inkluż informazzjoni personali dwari/dwarna) lil kwalunkwe persuna sabiex:
        - tipproċessa l-klejm tiegħi/tagħna għall-kumpens;
        - tirkupra mingħand Maltese Cross Financial Services Limited u/jew kwalunkwe terza persuna relevanti, somma ta' flus b'rabta tal-klejm tiegħi/tagħna;
        - tara li jidħol fis-seħħ kwalunkwe ftehim jew arranġament bejn l-Iskema u kwalunkwe terza persuna b'rabta diretta jew indiretta ma' dan l-irkuprar ta' flus;
        - jew inkella, sabiex ikunu jistgħu jkunu eżerċitati kif jixraq il-funzjonijiet statutorji tal-Iskema; jew
        - tippermetti lill-Iskema u lil kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isimha jew għaliha jew skont l-istruzzjonijiet tal-Iskema sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti legali jew regolatorji.

- Jien/aħna naqblu li l-Iskema u kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isimha jew għaliha jew skond l-istruzzjonijiet mogħtija lilhom minnha, tkun tista' tikseb l-informazzjoni personali dwari/dwarna mingħand il-partijiet relevanti (inkluż Maltese Cross Financial Services Limited u/jew ir-riċevent fil-falliment tagħha (insolvent practitioner)) sabiex tkun tista':
    - tipproċessa l-klejm tiegħi/tagħna għal kumpens; jew
    - tirkupra mingħand Maltese Cross Financial Services Limited u/jew kwalunkwe terza persuna relevanti, somma tal-flus b'rabta mal-klejm tiegħi/tagħna;
    - tara li jidħol fis-seħħ il-ftehim jew arranġament bejn l-Iskema u kwalunkwe terza persuna, b'rabta diretta jew indiretta ma' dan l-irkuprar ta' flus;
    - jew inkella sabiex ikunu jistgħu jiġu eżerċitati kif jixraq il-funzjonijiet statutorji tagħha; jew

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
| --- | --- |
| | |

  - tippermetti lill-Iskema u lil kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isimha jew għaliha jew skont l-istruzzjonijiet tal-Iskema sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti legali jew regolatorji.

- Jien/aħna nawtorizza/w lil kwalunkwe terza persuna li qed jipproċessaw jew jikkontrollaw l-informazzjoni personali dwari/dwarna sabiex tiżvela din l-informazzjoni personali ma':
  - l-Iskema;
  - l-MFSA;
  - kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isem, għal, jew skond l-istruzzjonijiet tal-Iskema jew tal-MFSA.

- Jien/aħna naqblu li dan il-kunsens għandu jinkudi l-kunsens tiegħi/tagħna sabiex tinġabar u tiġi proċessata informazzjoni personali dwari/dwarna minn:
  - l-Iskema;
  - l-MFSA;
  - kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isem, għal, jew skond l-istruzzjonijiet tal-MFSA sabiex jgħinuhom iwettqu l-funzjonijiet tagħhom jew biex jikkonformaw mar-rekwiżiti legali jew regolatorji.

- Jien/aħna naqbel/naqblu li dan il-kunsens għandu jinkludi l-kunsens tiegħi/tagħna sabiex tgħaddi, tigi żvelata u/jew tkun disponibbli kwalunkwe informazzjoni personali dwari/dwarna lill-Iskema jew lill-MFSA, jew lil kwalunkwe terza persuna li qed taġixxi f'isem, għal jew skond l-istruzzjonijiet tal-MFSA u/jew l-Iskema sabiex jgħinuhom iwettqu l-funzjonijiet statutorji tagħhom jew biex jikkonformaw mar-rekwiżiti legali jew regolatorji.

- Jien/aħna naqblu li l-MFSA jew l-Iskema, jew is-suċċessur ta' kwalunkwe wieħed minnhom, jista' jgħaddi lil terzi persuni magħżula b'għaqal uħud mid-dmirijiet jew funzjonijiet tagħha, jew kolha kemm huma, b'rabta mal-ipproċessar tal-klejm tiegħi/tagħna għal kumpens, jew biex jiġi rkuprat l-ammont b'rabta mal-klejm tiegħi/tagħna. Dan jista' jinvolvi t-tqassim ta' informazzjoni personali dwari/dwarna bejn l-MFSA/l-Iskema u dawn it-terzi persuni.

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
|---|---|
| | |

## SEZZJONI 10 – DIKJARAZZJONI MILL-INVESTITUR(I)

***Jekk jogħġbok aqra b'attenzjoni id-Dikjarazzjoni u l-Kunsens li ġejjin. L-investituri kollha għandhom jiffirmaw u jniżżlu d-data ħdejn kull parti sabiex l-iskema tkun tista' tipproċedi bl-investigazzjoni tal-klejm.***

- Jien/aħna kont/konna klijent/i ta' Maltese Cross Financial Services Limited.
- Jien/aħna niddikjara/w li d-dettalji fil-formola tal-applikazzjoni tiegħi/tagħna u kull informazzjoni oħra li jien/aħna għaddejna hi vera u korretta, u li m'hemmx fatti jew cirkostanzi oħrajn li jistgħu jkunu relevanti għall-applikazzjoni tiegħi/tagħna għall-kumpens.
- Jien/aħna nikkonferma/w li xi kumpens li jien/aħna rċevejt/rċevejna, jew li hu mistenni li nirċievu/I mingħand Maltese Cross Financial Services Limited jew kwalunkwe persuna oħra b'konnessjoni mat-telf li jien/aħna ġarrabt/ġarrabna u li għalih qed napplikaw għall-kumpens, għandu jiġi trasferit u mħallas lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri.
- Jien/aħna nikkonferma/w li m'għandi/m'għandna l-ebda responsabbiltá għall-fatti, u li jien/aħna ma ħadna l-ebda vantaġġ mill-fatti li wasslu biex ikun hemm diffikultajiet finanzjarji għal Maltese Cross Financial Services Limited jew biex il-qagħda finanzjarja tagħha tmur għall-agħar jew li kelli/kellna sehem biex din spiċċat falluta.
- Jien/aħna ddikjarajt/ddikjarajna li t-transazzjoni li wasslet għal din il-klejm ma saritx matul iż-żmien ta', jew bil-għan li jkun hemm, ħasil tal-flus, likwidazzjoni ta' xi rikavat minn att kriminali, minn xi attivitá kriminali taħt il-liġi Maltija, jew taħt leġislazzjoni simili barranija.
- Jien/aħna nikkonferma/w li jien/aħna awtorizzat/I kif jixraq biex nagħti/u rċevuta valida għal kull kumpens mogħti b'rabta ma' din il-klejm u li naccetta/w it-termini tal-offerta u l-pagament ta' kumpens (inkluż it-trasferiment tal-klejm tiegħi/tagħna lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri).
- Jien/aħna nikkonferma/w li l-klejm tiegħi/tagħna kontra Maltese Cross Financial Services Limited mhix suġġetta għall-ebda ċessjoni, trust ta' garazija, negative pledge, ipoteka, garanzija jew dritt favur terzi persuni.
- Jien/aħna nifhem/nifhmu li l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri, wara li tħallas kwalunkwe kumpens lili/lilna, se tikseb d-drittijiet għall-klejm tiegħi/tagħna kontra Maltese Cross Financial Services Limited u kontra xi terzi persuni oħra, fil-konfront unikament tal-ammont ta' kumpens li l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri ser tkun qed tħallas lili/lilna. Din is-subrogazzjoni tad-drittijiet ser tkun tfisser illi jiena/aħna jibqagħli/jibqagħlna d-dritt nirkupra/w ammonti oltre minn dak li ser tkun qed tikkumpensani/tikkumpensana l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri.
- Nipprovdi/u kwalunkwe assitenza lill-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri biex tkun tista' teżerċita d-drittijiet u r-rimedji tagħha kontra Maltese Cross Financial Services Limited jew terzi persuni oħrajn.

| *Investitur 1* | *Investitur 2* |
| --- | --- |
| | |

# SEZZJONI 11 - FIREM

**Meta inti tiffirma din il-formola, inti qed taqbel mal-kontenut ta' din il-formola tal-applikazzjoni għall-kumpens.**

**F'każ ta' investituri mejtin, is-suċċessuri fuq it-titlu tal-investiment skond kif indikat f'Sezzjoni 2, huma mitluba jiffirmaw din il-formola bħala persuni li qed iressqu l-klejm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Firma** | | **Data** | |
| **Isem** | | | |
| **Status/Kapaċità** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Firma** | | **Data** | |
| **Isem** | | | |
| **Status/Kapaċità** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Firma** | | **Data** | |
| **Isem** | | | |
| **Status/Kapaċità** | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Firma** | | **Data** | |
| **Isem** | | | |
| **Status/Kapaċità** | | | |

# SEZZJONI 12 – LISTA TA' KONTROLL

Din l-applikazzjoni tikkonsisti fi 12 'il sezzjoni:

SEZZJONI 1 – DETTALJI TAL-INVESTITUR ........ 1
SEZZJONI 2 – INVESTITURI MEJTIN ........ 2
SEZZJONI 3 – IR-RELAZZJONI TIEGĦEK MA' MALTESE CROSS FINANCIAL SERVICES LIMITED ........ 3
SEZZJONI 4 – DETTALJI U EVIDENZA TAL-INVESTIMENTI ........ 5
SEZZJONI 5 – DETTALJI TA' XI PAGAMENTI LI SARU LIL MALTESE CROSS FINANCIAL SERVICES LIMITED GĦAL SKOPIJIET TA' INVESTIMENT ........ 8
SEZZJONI 6 – DETTALJI TA' XI ĊEKKIJIET LI NĦARĠU MINN MALTESE CROSS FINANCIAL SERVICES LIMITED LI MA ĠEWX IMSARRFA ........ 10
SEZZJONI 7 – STATUS TA' MIN QED JAGĦMEL IL-KLEJM ........ 11
SEZZJONI 8 – INFORMAZZJONI OĦRA ........ 13
SEZZJONI 9 – KUNSENS BIEX TIĠI IMMANIĠĠJATA, UŻATA, U ŻVELATA L-INFORMAZZJONI PERSONALI TIEGĦEK ........ 14
SEZZJONI 10 – DIKJARAZZJONI MILL-INVESTITUR(I) ........ 16
SEZZJONI 11 - FIREM ........ 17
SEZZJONI 12 – LISTA TA' KONTROLL ........ 18

Jekk jogħġbok ikkonferma li:

☐ Weġibt is-sezzjonijiet kollha ta' din il-formola tal-applikazzjoni (apparti Sezzjoni 2 li għandha timtela biss jekk din tapplika għalik)

☐ Iffirmajt kull paġna ta' din l-applikazzjoni.

☐ Iċċekjajt li l-investituri kollha (konġunti, fejn hu applikabbli) iffirmaw u niżżlu d-data f'Sezzjoni 11 ta' din il-formola

☐ In-nutara u t-trustees kollha relevanti iffirmaw din il-formola

☐ Ehmiżt id-dokumenti kollha oriġinali, liema dokumenti inti tixtieq li l-Iskema ta' Kumpens lill-Investituri tikkunsidra.

Ibgħat il-formola sħiħa flimkien ma' xi paġni miżjuda fuq dan l-indirizz:

**Skema ta' Kumpens lill-Investituri**
**c/o L-Awtoritá Maltija għas-Servizzi Finanzjarji**
**Triq Notabile**
**Attard BKR 3000**

**Re: Talba għall-Kumpens relatata ma' Maltese Cross Financial Services Limited**